

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

Approċċ integrat għat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fil-qafas tal-ħidma tal-kumitati u d-delegazzjonijiet

P6_TA(2009)0240

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2009 dwar l-appoġġ integrat għat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fil-qafas tal-ħidma tal-kumitati u d-delegazzjonijiet (2008/2245(INI))

(2010/C 184 E/04)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(2), 13 u 141(4) tat-Trattat tal-KE,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Karta Soċjali Ewropea riveduta u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,
 - wara li kkunsidra l-ħidma tad-Direttorat Ġenerali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Affarijiet Legali tal-Kunsill tal-Ewropa, u b'mod partikolari tal-Kumitat ta' tmexxija tiegħu għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqşam mal-aċċess għall-impjegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2003 dwar approċċ integrat għall-ugwaljanza tan-nisa u l-irġiel (integrazzjoni sistematika) fil-Parlament Ewropew ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2007 dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fix-xogħol tal-Kumitati ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0198/2009),
- A. billi t-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa huwa prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju u li skont l-Artikolu 2 tat-Trattat, dan jagħmel parti mill-missjonijiet tal-Komunità,
- B. billi l-Artikolu 3(2) tat-Trattat jistabbilixxi l-prinċipju tal-approċċ integrat għat-trattament indaq filwaqt li jistipula, li fl-azzjonijiet kollha tagħha, il-Komunità tfitex li telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi t-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa,
- C. billi l-perċentwal ta' Membri nisa fil-Parlament żdied b'mod kostanti minn 17,5 % fl-1979 għal 31,8 % fl-2009,
- D. billi hemm numru żgħir ta' Membri li għandhom karigi għolja fl-organi tal-Parlament (Presidenza jew membri tal-kumitati jew ta' delegazzjonijiet, pereżempju),

⁽¹⁾ ĠU L 269, 5.10.2002, p. 15.

⁽²⁾ ĠU C 61 E, 10.3.2004, p. 384.

⁽³⁾ ĠU C 244 E, 18.10.2007, p. 225.

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

- E. billi fid-Direttorati Ġenerali tal-politiki interni u tal-politiki esterni tal-Parlament, in-nisa għandhom rappreżentanza għolja u jiffurmaw rispettivament is-66,5 % u s-66 % tal-persunal, filwaqt li jinnota l-progress konsiderevoli miksub dan l-aħħar fid-Direttorat Ġenerali tal-politiki interni, li wassal għall-għoti tal-“prempju għall-ugwaljanza 2007 – l-aħjar prassi” kemm għall-ħolqien ta' ambjent ta' xogħol favur l-ugwaljanza u għall-approċċ integrat tal-ugwaljanza kif ukoll għaż-żieda konsiderevoli tan-numru ta' nisa li jokkupaw karigi għolja ta' tmexxija (in-numru ta' nisa li huma kapijiet ta' unità pereżempju, żdied minn 5 % għal 30 % wara l-2005),
- F. billi l-maġġoranza tal-Kumitati parlamentari b'mod ġenerali tagħti ċerta importanza għall-approċċ integrat għat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel (pereżempju fil-qafas tal-ħidmiet leġislattivi tagħhom, tar-relazzjonijiet uffiċjali mal-kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jew l-iżvilupp ta' pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza) filwaqt li minoranza tal-Kumitati dan jinteressahom rarament jew qatt,
- G. Jenfasizza l-fatt li l-użu ta' netwerk inkarigat mill-aproċċ integrat tal-ugwaljanza fil-kumitati u li jkun magħmul minn Membri u minn membri tal-persunal tas-segretarjat, sa issa għadu ma ħalliex riżultati,
- H. Jenfasizza l-fatt li l-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-Diversità ppropona l-ħolqien ta' netwerk simili ta' delegazzjonijiet interparlamentari bil-għan li l-kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa jkunu integrati fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea,
1. Jenfasizza li t-talba għat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel għandha tissarraf f'approċċ prattiku li ma jpoġġix lin-nisa kontra l-irġiel;
 2. Jenfasizza li l-aproċċ integrat għat-trattament ugwali jikkostitwixxi żvilupp pożittiv għan-nisa kif ukoll għall-irġiel;
 3. Jenfasizza li l-aproċċ integrat għat-trattament ugwali jipprevedi r-riorganizzazzjoni, it-titjib, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-politiki biex fil-livelli u l-istadji kollha, l-atturi li normalment ikunu marbuta mad-deċizzjonijiet politiċi jinkludu l-perspettiva tat-trattament ugwali fil-politiki kollha;
 4. Ifakkar fil-ħtieġa li tiġi adottata u applikata strateġija adegwata b'miri konkreti għal approċċ integrat għat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fil-politiki tal-Komunità rigward il-kumitati u d-delegazzjonijiet parlamentari;
 5. Jenfasizza l-importanza tal-mandat tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-Diversità u jistiednu biex ikompli jħeġġeġ u jippromwovi dan il-proċess fil-Parlament kollu, kif ukoll fir-relazzjonijiet u l-kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, mal-Kunsill u mal-istituzzjonijiet l-oħra;
 6. Jifraħ lill-kumitati parlamentari li fil-ħidma tagħhom l-aproċċ integrat tat-trattament ugwali għamluh operattiv, u jitlob lill-kumitati l-oħra u lid-delegazzjonijiet biex jagħmlu l-istess;
 7. Jitlob li r-rikors għal netwerk inkarigat mill-aproċċ integrat tal-ugwaljanza jkun imsaħħaħ f'dak li jirrigwarda d-delegazzjonijiet interparlamentari u l-missjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet;
 8. Iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali biex jagħti prijorità lit-taħriġ għall-aproċċ integrat għat-trattament ugwali tal-uffiċjali fil-livelli kollha tal-kumitati u d-delegazzjonijiet parlamentari; itenni t-talba tiegħu biex jingħata taħriġ dwar it-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa lill-Membri kollha tal-Parlament, u dan sa mill-bidu tal-leġiżlatura li jmiss;
 9. Jissokta jħeġġeġ in-netwerking tal-uffiċjali tas-Segretarjati tal-kumitati tal-Parlament u tad-delegazzjonijiet interparlamentari tad-Direttorati Ġenerali tal-politiki interni u l-politiki esterni mħarrġa b'mod speċjali dwar l-aproċċ integrat tal-ugwaljanza tal-ġeneri sabiex ikun hemm skambju regolari ta' prattiki tajba;
 10. Jenfasizza l-ħtieġa li, fil-kumitati u d-delegazzjonijiet tal-Parlament, jkun hemm disponibbli l-għodod adegwati għall-għarfen tajjeb tal-aproċċ integrat għat-trattament ugwali, bħalma huma indikaturi, data u statistika maqsuma skont il-ġeneru, kif ukoll it-taqsim tar-riżorsi tal-baġit mill-aspett tat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel;

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

11. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-approċċ integrat għat-trattament ugwali għandu jikkunsidra l-ispeċifità ta' kull kumitat jew delegazzjoni tal-Parlament; jitlob li l-kumitati u d-delegazzjonijiet jipparteċipaw b'mod attiv fl-evalwazzjonijiet li regolarment jitwettqu taħt il-patroċinju tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, fuq il-bażi tal-kwestjonarju li jitressaq lill-Presidenti u lill-Viċi Presidenti responsabbli tal-approċċ integrat għat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, filwaqt li jiġu inklużi n-nuqqasijiet f'dan il-kuntest fil-ħidma tal-kumitati u d-delegazzjonijiet kif ukoll il-progress tal-istabbiliment tal-approċċ integrat għat-trattament ugwali f'kull Kumitat;
12. Jenfasizza l-importanza għall-kumitati u d-delegazzjonijiet tal-Parlament li l-irwol u r-responsabbiltajiet tagħhom fil-qasam tal-approċċ integrat għat-trattament ugwali bejn ġeneri jkunu speċifikati tajjeb;
13. Jenfasizza l-importanza ta' kollaborazzjoni effikaċi u koordinata bejn il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-Diversità u n-netwerk inkarigat mill-approċċ integrat tal-ugwaljanza fil-kumitati parlamentari u d-delegazzjonijiet interparlamentari kif ukoll mal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi;
14. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex isegwi l-implimentazzjoni tal-istrategġija integrata li għandha l-għan li tikkonċilja l-ħajja familjali mal-ħajja professjonali u li tiffaċilita l-iżvilupp tal-karriera tal-uffiċjali nisa;
15. Jistieden lill-gruppi politiċi biex jikkunsidraw l-oġettiv ta' parteċipazzjoni bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa meta jinħatru l-persuni f'karigi għoljin u ta' responsabilità;
16. Jistieden lill-Bureau tal-Parlament biex jenfasizza, fil-kuntatti tiegħu mal-Parlamenti tal-Istati Membri, l-esperjenza pożittiva tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-Diversità;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill tal-Ewropa.

Ftehim Kummerċjali Interim mat-Turkmenistan

P6_TA(2009)0252

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2009 dwar il-Ftehim Kummerċjali Interim mat-Turkmenistan

(2010/C 184 E/05)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(1998)0617),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u l-aspetti relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar u l-Komunità Ewropea tal-Energġija Atomika, min-naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra (5144/1999),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 133 u 300(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skont liema Artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C5-0338/1999),